**30 ta' Settembru, 1985**

**Imħallef:**

**Onor. Joseph Filletti, B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Anton Depasquale *noe*

*versus*

Carmelo Mangion *et*

## Ċessjoni, Bejgħ jew Assenjazzjoni ta' Azzjoni

*Iċ-ċessjoni, bejgħ jew assenjazzjoni ta' azzjoni hija rregolata fil-liġi nostrali bl-artikolu 1551 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artiklu jikkontempla* ***inter alia*** *iċ-ċessjoni jew bejgħ ta' jeddijiet jew ta' azzjoni u l-artiklu 1562 (2) jgħid li l-jedd jitqies litiġjuż, fost ħwejjeġ oħra meta jkun hemm kawża kkontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd.*

*Bit-termini u kliem adoperati fiż-żewġ kuntratti msemmija mill-konvenut ma jistax jingħad li sar u ġie attwat ftehim fuq il-jedd u fuq il-prezz.*

*L-attur għad fadallu wkoll kull interess legali fl-eżitu ta' l-istanza għaliex bit-trasferimenti msemmija huwa xorta waħda għad baqagħlu obbligi di fronte l-akkwirenti l-ġodda tal-fondi. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuti li t-talba attriċi ma tistax tiġi sostnuta għandha tkun respinta.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni;

Peress illi b'kuntratt tal-ħdax (11) ta' Diċembru, 1972 fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar l-imsemmi Michelangelo Bond xtara mingħand il-konvenut Carmelo Mangion *garage* u mezzanin sovrapost għalih, it-tnejn bla numru u isem - u illi llum iġibu rispettivament l-isem 'Dolphin Garage' u 'St. Joseph House' - fi Triq il-Liedna, il-Fgura, in stat ta' kostruzzjoni, kif aħjar deskriti fl-imsemmi kuntratt (Dok.A);

U peress illi l-imsemmija *garage* u mezzanin inbnew mill-konvenut Mangion u taħt id-direzzjoni tal-konvenut Camilleri Galea;

U peress illi l-imsemmija *garage* u mezzanin wara ċertu żmien illi tlestew bdew juru ħsarat derivanti minn kostruzzjoni ħazina u anke qed jimminaċċjaw rovina a dannu ta' l-attur *nomine*, kif jirrizulta mir-relazzjoni peritali ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph G. Huntingford (Dok. B.);

U peress illi l-konvenuti responsabbli għal din il-kostruzzjoni m'għamlu xejn biex il-ħsara in kwistjoni tiġi rriparata u dan nonostante illi l-konvenut Mangion ipprometta diversi drabi illi sejjer jirripara;

Talab li l-konvenuti għar-raġunijiet premessi (1) jiġu minn din il-Qorti ddikjarati responsabbli tal-ħsarat subiti mill-*garage* u mezzanin fuq imsemmija u ta' dawk minaċċjati; (2) l-istess konvenuti jiġu kkundannati minn din il-Qorti sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmlu x-xogħol kollu neċessarju sabiex jiġu rriparati d-danni subiti u jiġu evitati danni oħra futuri u konsegwenzjali, u dan taħt id-direzzjoni ta' perit nominand; u (3) in difett l-attur jiġi awtorizzat minn din il-Qorti illi jagħmel huwa stess ix-xogħlijiet fuq indikati a spejjez ta' l-istess konvenuti, taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit nominand;

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attur *nomine* għad-danni derivanti minnu u konsegwenzjali għal din il-kostruzzjoni difettuża hawn fuq imsemmija u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Settembru, 1976 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Camilleri Galea illi.....;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Mangion illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li fiha eċċipew illi t-talba attriċi ma tistax tiġi sostnuta in kwantu tolqot il-*garage* 'Doleho', Triq il-Liedna, il-Fgura, sottopost għall-beni ta' l-attur stante li dan il-*garage* ġie mibjugħ;

Rat ukoll in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri oħra ta' l-istess konvenuti li biha eċċipew illi l-ġudizzju m' hux integru stante li l-fond *de quo* ġie mogħti b'ċens temporanju;

Rat id-dokumenti esibiti;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ir-relazzjoni peritali pprezentata mill-perit tekniku nnominat minnha;

Ittrattata l-kawża;

Ikkunsidrat illi apparti l-meritu proprju tal-kawża dwar l-allegati ħsarat, fil-mori tal-proċeduri l-konvenuti aħwa Mangion ippreżentaw żewġ noti ta' eċċezzjonijiet ulterjuri

minħabba l-fatt li (1) il-garaxx "Doleho', Triq il-Liedna, il-Fgura ġie ttrasferit lil terzi; u (2) il-fond *de quo* ngħata b'ċens temporanju. In fatti il-garaxx suriferit ġie mibjugħ lil ċertu Emmanuel Briffa fid-29 ta' Ottubru, 1979 skond kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras. Fl-14 ta' Ottubru, 1970, il-fond 'St. Joseph House', bla numru fi Triq il-Liedna, il-Fgura, ġie mogħti b'ċens temporanju mill-attur lill Carmela armla ta' John Buttigieg skond kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Agius;

Dwar l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti aħwa Mangion għandu jingħad li fl-ebda wieħed mill-kuntratti fuq imsemmija ma hemm imsemmi xi ċessjoni, bejgħ jew assenjazzjoni ta' azzjoni. Il-materja fil-liġi nostrali hi rregolata bl-artiklu 1551 tal-Kodiċi Ċivili (ara Titlu VI - Fuq il-Bejgħ, Sub-Titlu VII Fuq iċ-Ċessjoni ta' Kreditu u Jeddijiet Oħra). Dan l-artikolu jikkontempla *inter alia* ċ-ċessjoni jew bejgħ ta' jeddijiet jew ta' azzjoni (fit-test Ingliż '*cause of action*') u l-artiklu 1562(2) jgħid li l-jedd jitqies litiġjuż, fost ħwejjeġ oħra, meta jkun hemm kawża kkontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd. Issa, kif ġie ritenut in re: **A. Apap Bologna *et vs* Dottor J. Xuereb M.D.**deċiża fit-2- ta' Lulju, 1983 (Qorti ta' l-Appell):

'biex ikun hemm ċessjoni ta' jedd jeħtieġ li jkun sar ftehim fuq il-jedd u fuq il-prezz', liema ftehim ma jistax jingħad li sar u ġie attwat bit-termini u kliem adoperati fiż-żewġ kuntratti fuq imsemmija. Fl-istess deċizjoni ngħad inoltre li,

'Id-dritt ta' l-akkwirent il-ġdid li jkompli l-proċeduri huma dipendenti fuq iċ-ċessjoni favur tiegħu tal-jedd litiġġjuż pretiż f'dawk il-proċeduri u jekk ma tkunx saret din iċ-ċessjoni, il-jedd litiġġjuż jibqa' ta' min ippretendih oriġinarjament'.

Jingħad ukoll li l-attur f'din il-kawża għad fadallu kull interess legali fl-eżitu ta' l-istanza għaliex bit-trasferimenti imsemmija huwa xorta waħda għad baqagħlu obbligi di fronte l-akkwirenti l-ġodda tal-fond u tal-*garage*. Għaldaqstant, l-eċċezzjonijiet ulterjuri intavolati għandhom jiġu respinti;

Dwar il-meritu tal-kawża issir riferenza għall-parti tar-relazzjoni peritali taħt l-inċiz 'konklużjoni', a fol. 51 u 52 li l-Qorti taddotta u tagħmel tagħha u għalhekk, a skans ta' ripetizzjoni, għandha titqies bħala formanti parti mill-korp ta' din id-deċiżjoni. Dan ifisser għalhekk li t-talbiet attriċi huma pjenament ġustifikati fil-konfront tal-konvenuti..

*Omissis;*

Għaldaqstant il-Qorti, fil-waqt li tirespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi...

*Omissis.*